MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 1(2012), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tlieta, 10 ta' Jannar 2012, fil-4:30p.m.

1. **<u>Preżenti</u> :**

| | |
|---|---|
| **Viċi-Sindku** | Edric Micallef |
| **Kunsilliera** | Steven Grech |
| | Remigio Cassar |

| | |
|---|---|
| **Segretarju Eżekuttiv** | Duncan Hall |

**<u>Skużati :</u>**

Is-Sur Stephen Caruana ( Skuża aċċettata mil-Kunsill)
Is-Sur William Pomroy ( Skuża aċċettata mill-Kunsill)

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *"Arising"* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku
5. Maintenance u Management Agreements għall-funtata f'Xatt is-Sajjieda
6. Bankini fiż-żona tal-Housing Estate
7. Estensjoni/tmiem ta' Kuntratti numru MXLC 01-02-03/2011
8. Performance bonuses tas-Segretarju Eżekuttiv
9. Approvazzjoni ta' ħlasijiet
10. Affarijiet Oħra

**Talba**

Is-Sur Edric Micallef qal it-talba.

**1. <u>Qari tal-Minuti</u>**

Il-Minuti ġew meħuda bħala moqrija. Il-Kunsill unanimament approva l-korrettezza tal-Minuti fuq mozzjoni tas-Sur Remigion Cassar, issekondat mis-Sur Steven Grech li għaddiet b'mod unanimu.

**2. <u>*Arisings* mill-Minuti</u>**

Ma kienx hemm

**3. <u>Korrispondenza</u>**

Nqrat il-korrispondenza kollha

**3.1** Il-Kunsill irċieva e-mail mingħand Transport Malta rigward talbiet li kienu saru mill-istess kunsill ghal Road Humps fi Triq Bir Rikka u Triq Arznell u yellow lines fi Triq il-Port Ruman. Filwaqt illi għat-talbiet ta' Triq l-Arznell u Triq il-port Ruman ma kienx hemm problemi il-Kunsill ġie infurmat illi Transport Malta kienet qiegħda tistenna mingħand il-Kunsill Lokali fejn kellhom jeħlu l-imsemmija road humps fi Triq Bir Rikka. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien ser jagħmel spezzjoni flimkien mas-Sindku sabiex jiġi idetifikat sit illi ma jkunx ta' inkonvenjent għar-residenti.

**3.2** E-Mail datat 2 ta' Jannar 2012 mingħand Pio Farrugia f'isem id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li permezz tiegħu il-Kunsill ġie mitlub jagħti kummenti għal proposta li kienet qiegħda ssir sabiex fit-toroq li jwasslu għall-iskejjel jitwaħħlu '*no-entry signs*'. Wara li ġie diskussa din il-proposta, u in-vista tal-fatt illi talba simili kienet fil-passat diġa' saret mill-Kap ta' l-iskola primarja, ġie deċiż illi l-Kunsill ma għandux jaqbel. Dan peress illi kemm il-darba l-proposta timmaterjalizża kienu ser jinħolqu diversi inkonvenjenti lis-sewwieqa u jinħolqu problemi ta' staġnar ta' traffiku. Il-Kunsill qal illi kellha ssir talba lill-awtoritajiet sabiex fi Triq Barthelemy jinfetaħ passaġġ imqar għall-pedonali.

**3.3** Permezz ta' e-mail datat 5 ta' Jannar 2012, il-Viċi-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għall-fatt illi applikazzjoni numru PA/01654/10 rigward il-playing field li l-Kunsill kien qiegħed jippjana illi jirranġa fi Triq il-Wilġa kienet twaqqfet għaliex ma kienux ġew sottomessi d-dokumenti mitluba fil-ħin. Kien hemm qbil illi kellu jiġi kkuntattjat il-Perit Marven Ellul li kien qiegħed jieħu ħsieb din l-applikazzjoni.

**3.4** E-mail datat 9 ta' Jannar 2012 mingħand Anna Vella f'isem id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie mitlub jikkonferma jekk il-verzjoni tal-fatti li kienu qiegħdin jagħtu l-udituri rigward dewmien sabiex jingħalqu l-*financial statements* għas-sena 2010 kienux korrretti. Is-Segretarjuc Eżekuttiv qal illi kien ser jiċċekkja l-korrispondenza kollha sabiex ikun jista' jikkonferma dak li qalu l-Udituri.

**3.5** E-mail datat 24 ta' Dicembru 2011 mingħand Gareth Blundell, assistent kowċ ta' Marsaxlokk ASC li permezz tiegħu il-Kunsill ġie mitlub jieħu azzjoni rigward xi karrijiet tad-dgħajjes li kien hemm biswit il-pitch ta' l-imsemmija għaqda. Wara diskussjoni libera ġie deċiż illi l-imsemmija karrijiet ma humiex jintużaw. Għaldaqstant kellu jsir rapport lill-pulizija sabiex jittieħdu l-miżuri neċessarji halli l-karrijiet ikunu jistgħu jitneħħew.

**3.6** E-mail datat 20 ta' Diċembru 2011 mingħand il-Kap ta' l-iskola Primarja li permezz tiegħu il-Kunsill ġie nfurmat illi l-istess skola kienet qiegħda taqbel mal-proposta li kien għamel il-Kunsill Lokali sabiex tinbena mixtla żgħira ta' siġar indiġeni Maltin ġewwa l-istess skola. Permezz ta' dan l-email il-Kunsill ġie mħeġġeġ sabiex jintalab il-permess tad-Direttur Ġenerali is-Sinjorina Michelle Sciberras

**3.7** Permezz ta' E-mail datat 20 ta' Diċembru 2011, l-Onor. Jason Azzopardi talab lill-Kunsill jikkunsidra illi jħalli lill-bejjiegħa tas-Suq fil-Beraħ ta' nhar ta' Ħadd jwettqu ħidmiethom nhar il-Milied u l-Ewwel tas-Sena. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi b'relazzjoni ma' dan l-email kien kellem lill-Kunsilliera kollha u kien hemm qbil illi s-suq fil-beraħ ma għandux jarma nhar il-Milied, iżda kien ser jitħalla jarma nhar l-Ewwel tas-Sena. Madanakollu, wara komuniazzjonijiet ma' l-Onor. Dr. Chris Said, il-Kunsill ġie infurmat illi kien ittieħed il-parir ta' l-avukat ġenerali rigward id-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali u dan ta' l-aħħar iddeċieda

illi kemm il-darba ikun hemm xi bejjiegħa li xtaqu jarmaw anke fil-Milied dawn kellhom kull dritt jagħmlu hekk. Għaldaqstant il-Kunsill Lokali ma kellu ebda triq oħra ħlief li jħalli s-suq fil-beraħ jopera fiż-żewġ ġranet konċernati.

**3.8** Permezz ta' E-Mail datat 20 ta' Diċembru 2011, is-Sur Pio Farrugia, f'isem id-Dipartiment għall-Gvern Lokali informa lill-Kunsill Lokali bl-ammont ta' l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2012. Kien hemm diskussjoni libera dwar kif kienet imqassma l-allokazzjoni.

**3.9** Memo 121/2011 datat 15 ta' Diċembru 2011, li permezz tiegħu il-Kunsill Lokali ġie nfurmat bil-metodi li permezz tagħhom għandu jsir l-għeluq tas-sena finanzjarja. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għal dan il-għan kien ser jattendi seminar informattiv li kien ser jittella' mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**3.10** Permezz ta' e-mail datat 10 ta' Dicembru 2011, il-Viċi Sindku għadda lill-Kunsill kopja ta' korrispondenza li kien bagħat lill-Kummissjoni Ewropeja irgward il-permess IPPC ta' l-estensjoni tal-PowerStation ta' Delimara. Huwa żied illi għal dan l-email ma kien irċieva ebda risposta jew *ackonwledgement*. Għaldaqstant ippropona illi jiġi kkuntattjat is-Sur Martin Bugelli sabiex kemm il-darba ikun possibbli jgħin lill-Kunsill Lokali f'din il-materja. Kien hemm qbil dwar dan.

**3.11** E-mail datat 6 ta' Diċembru 2011 mingħand is-Sur Joe Attard li permezz tiegħu il-Kunsill ġie mitlub laqgħa sabiex tiġi evalwata l-possibilita' illi l-Kunsill jestendi l-ftehim li kien hemm bejnu u bejn Green MT li kienetr ser tiskadi fil-15 ta' Marzu 2011. Kien hemm qbil illi għandha tinżamm din il-laqgħa sabiex l-iskema tiġi estiża. Dan peress illi s-servizz li kien qiegħed jirċievi l-Kunsill mingħand Green MT kien wieħed soddisafċenti.

**3.12** Permezz ta' ittra datata 6 ta' Jannar 2012, Dr.Joseph Sammut stieden lill-Kunsill Lokali għal bibita li kienet ser tinżamm nhar il-Ħamis 12 ta' Jannar 2012. Is-Sur Remigio Cassar qal li kien ser jattendi għal din l-attivita'.

**3.13** Ittra datata 2 ta' Jannar 2012 mingħad is-Sur Salvu Abela li permezz tagħha il-Kunsill ġie mitlub jevalwa l-possibilita' illi jsiru xi modifikazzjonijiet fid-direzzjoni tas-sewqan ta' Triq Axtart. Dan peress li s-sur Abela (operatur tal-ferrovija mingħajr binarji) kien qiegħed jiffaċċja xi problemi kawża tal-kudizzjoni ta' Triq Melqart. Kien hemm qbil illi ma għandu jsir ebda tibdil. Dan għaliex fil-futur qarib Triq Melqart kien ser isirilha xi xogħol u l-kudizzjoni ta' l-istess triq kienet ser titjieb.

**3.14** Permezz ta' ittra datata 3 ta' Jannar 2012, is-Sur Alfred Desira informa lill-Kunsill Lokali illi ma kienx ser ikun jista' jarma fis-suq fil-beraħ ta' nhar ta' Ħadd peress illi kawża tal-maltemp, kienet saret xi ħsara fir-raba' tiegħu u għaldaqstant ma kellux prodotti xi ibiegħ għall-perjodu Jannar-Frar 2012. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil illi t-talba tas-Sur Desira kellha tiġi aċċettata u dan ikun imniżżel bħala skużat u mhux assenti fir-rassenja li tittieħed.

**3.15** Ittra datata 2 ta' Diċembru 2012 mingħand Cilia & Associates li permezz tagħha l-Kunsill ġie mgħoddi kopja ta' ittra li kienet inbagħtet lill-*Commerce Division*. L-ittra kkonċernata kienet tittratta problem li kien iltaqa' magħhom is-Sur Publius Cutajar, klijent ta' l-imsemmija kumpanija u bejjiegħ fis-swieq fil-beraħ. Il-Kunsill Lokali qabel illi ma kellux jieħu azzjoni dwar din l-ittra.

**3.16** Ittra datata 7 ta' Diċembru 2011 mingħand Euro Clean Waste Services li permezz tagħha, l-imsemmija kumpanija irreġistrat appell għal deċiżjoni meħuda mill-Kunsill Lokali rigward sejħa għall-offerti numru MXLC03/2011. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi f'dan ir-rigward, il-Kunsill Lokali kien għadda l-materjal relatat ma' din is-sejħa lill-Awtoritajiet konċernati u kien qiegħed jistenna illi jingħata informazzjoni sabiex jinstema' l-appell. Fil-frattemp, il-Kunsill Lokali kien ser jibqa' jaħdem bil-kuntratturi li kellu.

**3.17** Ittra datata 6 ta' Diċembru 2011 mingħand is-Sur Owen Borg li permezz tagħha is-Sur Borg kien qiegħed iressaq l-appell tiegħu għal deċiżjoni li kien ħa l-Kunsill Lokali rigward sejħa għall-offerti numru MXLC04/2011. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi f'dan ir-rigward, il-Kunsill Lokali kien għadda l-materjal relatat ma' din is-sejħa lill-Awtoritajiet konċernati u kien qiegħed jistenna illi jingħata informazzjoni sabiex jinstema' l-appell. Fil-frattemp, il-Kunsill Lokali kien ser jibqa' jaħdem bil-kuntratturi li kellu.

## 4. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku

**4.1** Ma kienx hemm

## 5. Maintenance u Management Agreements għall-funtata f'Xatt is-Sajjieda

**5.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fl-laqgħa li kienet inżammet bejn il-Kunsill Lokali u rappreżentanti ta' AFS Ltd, il-kumpanija li kienet wettqet il-proġett tal-funtana f'Xatt is-Sajjieda, AFS Ltd. kienet ipproponiet illi l-Kunsill jintrabat *b'maintenance agreement* u *management agreement* għall-istess funtana għall-perjodu ta' tliet snin. Kemm il-darba l-Kunsill jintrabat b'dawn iż-żewġ agreements kellu jkun hemm ħlas ta €8150 fis-sena lil AFS Ltd. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi wieħed mill-agreements kien jifforma parti mill-offerta li kienet għamlet AFS Ltd. Madanakollu huwa kien talab il-parir tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar jekk il-Kunsill jistax jidħol f'dawn it-tipi ta' ftehim.

## 6. Bankini fiż-żona tal-Housing Estate

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi flimkien mas-Sindku u l-Kunsillier Steven Grech kien żar iż-żona tal-Housing Estate sabiex jiġi evalwat xi xogħol li kien hemm bżonn isir fuq il-bankini. Ġie determinat illi kien hemm xi bankini illi kienu jinstabu fi stat ħażin ħafna u kien hemm bżonn li jsiru mill-ġdid. Għal dan il-għan l-amministrazzjoni kienet ħadet ħsieb tiġbor kwotazzjoni għat-tkissir ta' bankina fi Triq il-Ġifen u l-kurduna meħtieġa sabiex issir bankina ġdida sabiex il-Kunsill jingħata stampa ta' l-ispejjeż involuti fl-implimentar ta' din l-inizjativa. Huwa żied illi l-ispiża ta' tkissir tal-bankina kienet teċċedi l-ammont illi seta' jingħata permezz ta' direct order u talab lill-Kunsilliera preżenti sabiex jikkunsidraw illi l-bankina fi Triq il-Ġifen ma kenitx l-uniku waħda li l-Kunsill kellu l-ħsieb li jirranġa. Għaldaqstant kemm il-darba ix-xogħolijiet isiru permezz ta' kuntratturi privati, l-ispejjeż involuti kienu ser jammontaw għal eluf ta' ewro. Wara diskussjoni libera ġie deċiż illi jinxtara il-materjal u x-xogħol jitwettaq permezz ta' ħaddiema li l-Kunsill kellu assenjati miegħu minn skemi ta' l-IPSL u l-ETC.

## 7. Estensjoni/tmiem ta' Kuntratti numru MXLC 01-02-03/2011

**7.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għall-fatt illi Kuntratti numru MXLC01/2010( *Street Sweeping & Cleaning*), MXLC 02/2010(*Collection of Bulk Refuse*) u MXLC03/2010 ( *Maintenance of Traffic Signs & Roadmarkings*) kienu għalqu. Dan kien

ifisser illi l-Kunsill kellu jieħu deċiżjoni jekk japplikax l-opzjoni ta' estensjoni għal sena. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil illi s-servizz li kienu qiegħdin joffru l-kuntratturi kkonċernati kien wieħed tajjeb ħafna. Dan seta' jiġi kkonfermat mill-fatt illi l-Kunsill ma kienx qiegħed jirċievi ilmenti fl-oqsma kkonċernati. Għaldaqstant fuq mozzjoni tas-Sur Edric Micallef, issekondata mis-Sur Steven Grech u li għaddiet b'mod unanimu ġie deċiż illi t-tliet kuntratti kkonċernati jiġu estiżi b'sena

**8. Performance bonuses tas-Segretarju Eżekuttiv**

**8.1** Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-performance bonus appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv għall-perjodu 5 ta' Ottubru 2011 – 31 ta' Diċembru 2011 u ta' l-eks Segretarju Eżekuttiv għall-perjodu 1 ta' Jannar 2011 – 31 ta' Awissu 2011. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil illi fiż-żewġ każi l-performance ta' l-individwi kienet teċċedi l-aspettativi u kemm is-Sur Hall kif ukoll is-Sur Restall kienu jagħmlu l-almu tagħhom sabiex joffru l-aħjar servizz lill-Kunsill Lokali.

Fuq mozzjoni tas-Sur Edric Micallef, issekondata mis-Sur Steven Grech u li għaddiet b'mod unanimu kien hemm qbil illi l-Kunsill għandu jirrakomanda illi s-Sur Hall u s-Sur Restall jingħataw il-massimu ta' 10% bħala performance bonus.

Is-Segretarju Eżekuttiv f'ismu u f'isem is-Sur Restall irringrazzja lil dawk preżenti.

**9. Approvazzjoni ta' ħlasijiet**

**9.1** Il-Kunsill ġie pprezentat bl-iskeda ta' pagament għall-perjodu Dicembru 2011-Jannar 2012. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għall-fatt illi din l-iskeda kienet tinkludi pagamenti lill-Koperativa Tabelli u Sinjali. Minkejja illi l-Kunsill kellu kuntratt ma' l-imsemmija Koperativa ma kenux inħarġu Works Orders għal dan ix-xogħol għalkemm il-Koperativa kienet wettqitu fuq ordnijiet ta' rappreżentanti tal-Kunsill. Għaldaqstant il-Kunsill ġie mitlub jieħu deċiżjoni rigward din il-materja. Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti li huma nklużi fl-Iskeda ta' Pagamenti (Skeda Nru 01/12) li hi annessa ma' u tifforma parti minn dawn il-Minuti.

**10. Affarijiet oħra**

**10.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-istaff tal-Kunsill Lokali kien ġabar kwotazzjoni mingħand il-kumpanija Bestprint għall-istampar tal-fuljett tal-Kunsill. Is-somma mitluba kienet ta' € 882 ( VAT inkluż) għal 1500 kopja ( 8 paġni bil-kulur u 16 il-paġna abjad u iswed). Kien hemm qbil illi l-Kunsill għandu jistampa l-fuljett għand Bestprint Ltd.

**10.2** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għas-sena 2011 huwa kellu 24 siegħa Vacation Leave li ma ġewx utilizzati. Sabiex dan il-leave ikun jista' jiġi akkumulat ma' dak ta' l-2012 kien hemm bżonn l-approvazzjoni tal-Kunsill. Kien hemm qbil illi dan il-leave għandu jiġi akkumulat ma' dak ta' l-2012.

**10.3** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-Kunsill bi kwotazzjoni għall-patching li kien hemm bżonn li jsir fi Triq Xrobb l-Għaġin u li għaliha l-Kunsill kien qiegħed jintalab iħallas l-ammont ta' €353.74. Naturalment dan ma kienx jinkludi x-xiri ta' tarmac li kellu jsir mill-Kunsill Lokali. Kien hemm qbil illi dan ix-xogħol għandu jitwettaq skond il-kwotazzjoni.

**10.4** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi x-xogħolijiet ta' resurfacing li għalihom kienet inħarġet sejħa għall-offerti kien wasal biex jinbeda. Fil-fatt, l-istormwater crossing fI Triq l-Imriekeb flimkien ma Triq San Ġużepp u Triq Duncan kienu mistennija illi jingħataw bidu sa tmiem Jannar 2012. Huwa ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għall-fatt illi l-indikazzjonijiet kienu illi l-Kunsill ma kienx ser ikun jista' jwettaq il-ħidma fuq it-toroq kollha li kien ippjana kawża ta' restrizzjonijiet finanzjarji. Wara diskussjoni libera ġie deċiż illi l-Kunsill għandu jwettaq biss dak illi jippermettulu l-finanzi sabix ma tiġix affettwata l-likwidita' ekonomika tal-Kunsill Lokali.

Il-laqgħa spiċċat fis-7:30 p.m u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 7 ta' Frar 2012

**Stephen Caruana** — **Duncan Hall**

**Sindku** — **Segretarju Eżekuttiv**

**Data :**